

## Is-Siġġiewi fi snin l-Imgħoddija - Mario Fenech

Huma ħafna dawk it-tibdileit li jseħħu matul is-snin f'kull belt u raħal . Dawn it-tibdiliet jidru kemm fil-mod tal-għajxien ta' dawk li jkunu jabitaw f'dawn il-postijiet kif ukoll fl-iżvilupp li jkun jifforma l-post.

Fir-raħal tas-Siġġiewi dawn it-tibdiliet nistaw narawhom permezz ta' dawn iż-żewġ ritratti li għażilt għal dan l-artiklu ta' din il-ħarġa tal-programm tal-festa ta' San Nikola.

Ir-ritratt tal-mitħna jeħodna lejn dik li llum hija Triq il- Fawwara.Din il-mitħna kienet magħrufa bħala tal- Barbazepp u kienet taqdi bosta mil-ħtiġijiet ta' dħin li kien ikun hemm bżonn li jsir minn nies tar-raħal u ta' l-inħawi.



Wieħed jinnota f'dan ir-ritratt il-kobor tal-paletti kif ukoll il-makkinarju tradizzjonali ta' mtieħen bħal dawn. Jidher fuq il-bejt tal-binja t-taħħan fil-waqt li fit-triq jidher raġel ieħor li mill-ilbies tiegħu jagħtik x'taħseb li dan huwa xi negozjant qiegħed jistenna l-ixkejjer tal-qamħ mitħun jitlesta biex ikun jista jixtrieħ.



Ritratt li jeħodna fil-pjazza ewlenija tar-raħal jagħtina ħjiel interessanti ta' kif kienet il-ħajja fir-raħal lejn il-bidu tas-seklu għoxrin.

Fin-nofs tar-ritratt jidher raġel qed jaqsam il-pjazza fil-waqt li waqt li fuq in-naħa tal-lemin jidhru grupp ta' nisa liebsin l-għonella.

Fuq in-naħa tax-xellug tat-taraġ taz-zuntier tal-knisja u mal- portiku jidhru numru ta' suldati bl-uniformi tas-sajf liebsin il-Bombay hat. Dawn x'aktarx kienu qegħdin jistennew biex jiġu msejjħa biex jimmarċjaw lejn il-barracks li kien hemm fil-limiti tar-raħal.

Din ix-xena li spiss kienu jaraw in-nies tar-raħal illum spiċċat għal kollox. It-trankwillita li kienet tirrenja fil-pjazza tar-raħal għebet għall kollox minħabba l-ammont ta' vetturi għaddejjin u jniġġsu l-arja safja li darba kien igawdi is-Siġġiewi.

Il-festa t-Tajba lill kulħadd